

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

30.1.2008

0010/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Saïd El Khadraoui, Jörg Leichtfried u Hannu Takkula

dwar id-dħul b'xejn fil-mużewijiet għall-istudenti

Data ta' skadenza: 8.5.2008

0010/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-dħul b'xejn fil-mużewijiet għall-istudenti

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 151 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea joffri bażi għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-kultura,
- B. billi l-kultura tiffirma parti importanti mill-edukazzjoni ġenerali taż-żgħażaġh – b'mod speċjali fil-qafas ta' l-edukazzjoni għolja,
- C. billi l-miżati tad-dħul tal-mużewijiet fl-Ewropa huma, madankollu, għolja wisq, u sikwit jaqtgħu qalb l-istudenti milli jżuru wħud mill-aktar xogħlijiet ta' arti, kollezzjonijiet storiċi u wirjiet sbieħ u imprezzabbli tad-dinja,
- D. billi wħud mill-Istati Membri (Franza, l-Ġermanja, l-Italja u l-Iżvezja) diġà stabbilixxew numru ta' inizjattivi, li joffru dħul b'xejn għall-kollezzjonijiet u wirjiet permanenti għall-istudenti,
- E. billi l-Kummissjoni diġà wriet li hija ħadet l-impenn li tagħmel il-kultura aktar aċċessibbli għaż-żgħażaġh billi tappoġġja firxa wiesgħa ta' inizjattivi permezz tal-programmi Komunitarji differenti (Kultura 2007-2013, Żgħażaġħ f' Azzjoni),
 1. tistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex toħroġ b'inizjattiva ta' armonizzazzjoni li tkun tipprovdi dħul b'xejn għall-istudenti f'kollezzjonijiet permanenti fl-Istati Membri ta' l-UE u, f'dan ir-rigward, li tistudja l-introduzzjoni ta' karti ta' l-istudent ġenerali Ewropea, li tkun valida fl-Istati Membri kollha;
 2. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.